# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-55 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 22 ta' Mejju 2023 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**55.01 Talba**

55.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

***Is-Sindku talbet sospensjoni tal-Aġenda ta' din il-laqgħa sabiex ressqet vot ta' ringrazzjament lis-Sur Sur Fabian Mizzi, tal-ħidma tiegħu bħala Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Imqabba tul dawn l-aħħar snin. Kien hemm qbil unanimu dawar dan kollu. Hija laqgħet fost il-membri preżenti, lil Ms Valerie Galea għall-ewwel laqgħa tagħha bħala s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid tal-Kunsill.***

**55.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

55.02.01 Is-S.E. infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**55.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 54**

55.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 54 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Decelis ippropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**55.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

55.04.01 Is-Sindku semmiet il-problema tal-pompa tal-funtana fil-Ġnien M'Ang Sapiano li ta' spiss qiegħda tieqaf taħdem kawża ta' żerriegħa li qed taqa' mis-siġar madwar il-funtana u ssodd l-istess pompa. Wara diskussjoni fuq is-suġġett, ġie deċiż li jintalbu stimi għal pompa ġdida bi *strainer* u li tkun *submersible*.

55.04.02 Is-Sindku semmiet li ġejna infurmati minn Infrastruttura Malta li t-*tender* sabiex isir ix-xogħol fuq Triq il-Katakombi u Triq in-Nazzarenu kien ħareġ u propju għalaq illum. Żiedet tgħid ukoll li l-istess IM kienet ikkonfermat li Triq Mons Alfons

Caruana qatt ma kienet waħda mit-toroq fil-pjan ta' xogħlijiet tagħhom u għalkemm aħna daħħalniha fil-lista ta' toroq li hemm bżonn li jsiru dawn qalulna li dik qatt ma tista' ssir qabel ma jsir l-esproju ta' dik il-kamra. Għaldaqstant is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill Lokali għandu joħroġ stqarrija pubblika f'dan is-sens u fuq din kien hemm qbil unanimu.

55.04.03 Is-Sindku tkellmet rigward it-telefonata li kellha mas-Sur S Craus fejn dan qalilha li l-applikazzjonijiet li konna ssottomettejna rigward ic-*charging pillars* fis-sena 2022, qed isir il-*vetting* fuqhom.

55.04.04 Rigward ix-xogħlijiet fi Triq tas-Sejba, is-Sindku infurmat li skond IM it-triq mhux ser tilħaq tkun lesta sal-aħħar ta' Mejju 2023 u li se nkunu qed nilagħbu mal-ġimgħa tal-festa. Wara diskussjoni li kien hemm dwar minn fejn ser jiġi skortat in-nar tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju, kien hemm qbil li l-unika rotta alternattiva tista' tkun minn Sqaq Buhar fejn fil-fatt il-Kunsill qabel ukoll li jiksi b'mod temporanju l-isqaq bit-torba sabiex dan ikun iktar aċċessibbli.

55.04.05 Rigward it-toqob tal-arbli li ġew mitluba mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, is-Sindku infurmat li rappreżentanti tas-Soċjetà talbu sabiex minflok ħdejn l-arblu tal-bandiera tar-raħal, it-toqob għandhom jersqu faċċata. Fuq din kien hemm qbil unanimu.

55.04.06 Rigward l-inċident tat-traffiku li seħħ riċentement fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, is-Sindku infurmat li mill-uffiċċju tal-Kunsill intbagħtet l-istima lill-pulizija, rigward l-ispejjeż għall-ħsara li saret fuq ir-*roundabout*, inkluż l-ħofor tal-arbli tal-festa kif ukoll tabella tat-triq.

55.04.07 Is-Sindku infurmat li saret l-ordni mill-uffiċċju tal-Kunsill, għal *temporary diversion signs* kif issuġġerit mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, sabiex lejliet u nhar il-festa it-traffiku li ser jiġi ddevjat minn Triq il-Qattara lejn Triq il-Franka, ikun jista' isegwi t-tabelli biex joħroġ 'l barra mir-raħal.

***Il-Viċi Sindku ingħaqad mal-Kunsill fis-6:35 pm***

55.04.08 Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa ma' Ambjent Malta rigward il-*landscaping* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fejn dawn qalulha li huma lesti li jgħinuna u jerġgħu jieħdu lura x-xogħol fil-bypass. Min-naħa l-oħra huma saħqu li qabel dan iseħħ hemm bżonn li jiġi tterminat il-kuntratt preżenti ma' *Callus Landscaping and Gardening*. Għaldaqstant, hija talbet lill-avukat tal-Kunsill fejn dan qiegħed f'kuntatt mal-avukat ta' Callus u qed jitħejja kuntratt ta' terminazzjoni. Żiedet tgħid li ser tkun qed tintalab stima lil Ambjent Malta sabiex is-*soft areas* li hemm fi Triq il-Qrendi, inkluż parti żgħira viċin il-Katakombi tal-Mentna kif ukoll ir-*roundabout* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, jieħdu ħsiebhom huma wkoll għas-spejjeż tal-Kunsill peress li dawn m'humhix parti mill-pakkett. Fuq dan kollu kien hemm qbil. Hija semmiet ukoll illi la darba kollox ikun iffirmat anke jkunu jistgħu jibdew jitwaħħlu siġar ġodda.

55.04.09 Wara laqgħa li s-Sindku kellha mas-*CEO* I.Falzon flimkien mal-Perit D.Vassallo, hija infurmat li issa IM aċċettaw li jagħmlu l-bankini fi Triq Karmenu Ciantar. Hija qalet illi jekk isiru bil-pavimentar, il-Kunsill se jkollu spiża ta' madwar EUR 60K. Żiedet tgħid illi peress li din kien hemm ħafna anomaliji fuqha u issa rnexxilna nagħlqu IM offrew li minfok isiru bankini normali jagħmlulna *upgrade* għas-spejjeż tagħhom u dawn isiru bil-materjal *Exposed Aggregate*. Hija qalet illi ġie deċiż li x-xogħol ikun jista' jinbeda wara Awwissu 2023. Wara diskussjoni fuq is-suġġett, kien hemm qbil unanimu li l-bankina ssir bl-*exposed aggregate* minn IM.

55.04.10 Is-Sindku infurmat li d-Deputat Segretarju għadda dak kollu mitlub rigward li l-proġett tar-restawr tan-niċċa fi Triq Santa Katerina, *Measure 1: Restoration of Assets of Artistic and Cultural Value* b'kollaborazzjoni ma' *GAL Xlokk Foundation*. Issa nistennew sabiex niġu rimborsati tal-ispejjeż.

55.04.11 Is-Sindku semmiet li l-mawra għal Sqallija li ser torganizza hija skedata għal nhar is-Sibt 9 ta' Settembru 2023.

55.04.12 Rigward ix-xogħlijiet fil-Pjazza tal-Knisja, fejn il-Kunsill qed jaslulu diversi ilmenti dwar xogħol ħażin u dwar nuqqas ta' mmaniġġjar tat-traffiku waqt l-istess xogħlijiet, is-Sindku fakkret li dan ix-xogħol mhux tal-Kunsill u li kull repsonasabilità taqa' fuq il-*Public Works* u l-Kuntrattur. Hija saħqet li kienet f'kuntatt mal-persuna repsonsabbli fil-Ministeru fejn jidhol *Public Works* u dawn it-talbiet ressqithom kollha. Hija qalet li l-Kunsill għandu joħroġ stqarrija pubblika fejn jagħmilha ċara li l-proġett tal-Pjazza huwa tal-Gvern Ċentrali u mhux tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill kollu qabel li għandha tinħareġ din l-istqarrija. Ġie diskuss ukoll il-fatt dwar fuq min ser taqa' r-responsabiltà tal-istess pjazza ladarba tgħaddi l-garanzija tal-imsemmi proġett; u għaldaqstant kien hemm qbil sabiex tintalab laqgħa mal-Ministru f'dan ir-rigward.

**55.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

55.05.01 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar il-*Communal Reserved Parking Bay* fi Triq is-Saljatura u s-S.E. infurmatu li ser tiċċekkja dwar it-talba li kellha ssir lil Transport Malta.

55.05.02 Il-Kunsillier Dingli semma d-*double yellow line* li sar fi Triq M'Ang Sapiano, fejn staqsa jekk kienx hemm talba għalih u min għamlu. Is-Sindku qalet li dak kien ġie imponut minn Transport Malta wara korrispondenza li rċivejna u li kulħadd kellu kopja tagħha. Kien hemm qbil li niktbu lil TM biex tagħtina spjega, ladarba l-Kunsill ma ressaq l-ebda talba għall-imsemmija linji tat-triq.

55.05.03 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk is-*soft area* li hemm fi Triq M'Anġ Sapiano tistax titneħħa u minflok tiġi *parking area*. Is-Sindku fakkret li fil-passat riċenti, il-Kunsill iddeċieda u approva li din is-*soft area* tiġi mdawwra b'*railing* tal-ħadid. Għaldaqstant il-każ ma jistax jerġa' jiġi diskuss peress li għadhom m'għaddewx sitt

xhur mit-tali deċiżjoni. Hija qalet ukoll li xorta għandna nkellmu l-Perit sabiex naraw verament kemm se nkunu qed niggwadanjaw parkeġġi jekk din titneħħa.

55.05.04 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk fi Triq San Innoċenzju kantuniera ma' Triq iċ-Ċavi tistax tiżdied *parking bay* oħra, għaliex fl-opinjoni tiegħu d-*double yellow line* f'din il-kanutniera huwa wisq twil. Is-S.E. infurmat li ser tibgħat il-ħaddiema tal-Kunsill ikejlu l-imsemmi *double yellow line* sabiex ikun ikkonfermat li l-linji m'humhix itwal minn 5 metri kif tippermetti l-liġi u wkoll biex jekk hemm spazju għal *parking bay* oħra, tkun tista' ssir talba għaliha u tintbagħat għall-approvazzjoni ta' TM.

55.05.05 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar it-talba li kienet ġiet approvata unanimament dwar id-*Double Yellow Lines* fil-ġnub ta' garaxx fi Triq l-Aħwa Ghigo. Is-S.E. infurmatu li ser tiċċekkja dwarhom.

55.05.06 Il-Kunsillier Sciberras semma d-*double yellow line* li hemm fi Triq Filippo Venuti, fejn staqsa jekk kienx hemm talba għalih u min għamlu. Is-suġġett ġie diskuss u kien hemm qbil li niktbu lil TM biex tagħtina spjega dwar dan.

55.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-*bricks* li għadu ma tneħħix minn Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-Sindku infurmat li ser isir rapport mal-*Building and Construction Authority (BCA)*

55.05.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa l-iskart ta' kostruzzjoni li tħalla fi Triq il-Franka, tneħħix mit-triq. Is-Sindku infurmat li sar rapport dwaru mal-*BCA*.

55.05.09 Il-Kunsillier Decelis talab *update* dwar in-*No Right Turn sign* fi Triq id-9 ta' April lejn Triq il-Qattara. Is-S.E. infurmat li ser tiċċekkja dwar din it-talba.

55.05.10 Il-Kunsillier Decelis staqsa x'se jiġri eżatt mill-bandla għall-persuni bi bżonnijiet speċjali li hemm installata fi Ġnien Tfal ir-Raħal. Fuq din kien hemm qbil li niċċekkjaw jekk il-garanzija fuqha għadhix valida u jekk le nitolbu stima lis-*supplier* għat-tiswija tagħha.

## 55.06 Project Manager

55.06.01 Is-SE infurmat li wara li ppubblikajna l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern dwar talba għal kwotazzjoni għas-servizz ta' *Project Management*, irċevejna stima waħda biss. Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu mal-persuna interessata.

## 55.07 Proġetti

55.07.01 Rigward il-Ġnien tal-Mentna s-Sindku spjegat li l-*electrical supplies* li ordnajna waslu filwaqt li l-*electrician* tal-Kunsill diġà wettaq parti sew mix-xogħol tad-dawl fil-ġnien.

55.07.02 Rigward il-Ġnien Onġi Onġella, s-Sindku spjegat li wasalna fil-fażi fejn il-*Planning Authority* talbitna l-pagament.

55.07.03 Rigward l-Isptar il-Qadim is-Sindku spjegat li għadna qed nistennew mingħand il-*Planning Authority*.

**55.08 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

55.08.01 Korrispondenza dwar il-*World Clean-Up Campaign 2023*. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba jipparteċipa fil-proġett *World Clean-Up Campaign 2023* mar-Reġjun Punent u skond l-istruzzjonijiet kif stipulat fiċ-Ċirkulari SPI/SCI/03/2023. Kien hemm qbil li jsir it-tindif tat-toroq fl-Imqabba u għal dan il-għan ser jinġiebu l-kwotazzjonijiet. Ġie approvat ukoll li l-Kunsill jiffinanzja d-differenza bejn l-ispiża totali u l-ammont miksub mill-iskema mill-fondi tiegħu.

55.08.02 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bħala approvazzjoni formali tal-appuntar tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid Ms Valerie Galea fil-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

55.08.03 Korrispondenza mingħand is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V dwar l-attivitajiet esterni fix-xahar ta' Diċembru għal dawn is-sentejn sabiex ma jaħbtux maċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kunċizzjoni li jkunu organizzati mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Wara diskussjoni fuq is-suġġett, kien hemm proposta mill-Kunsillier Dingli fejn aħna bħala Kunsill m'għandnix nidħlu fil-mertu ta' min se jorganizza u li għandna niktbu liż-żewġ soċjetajiet tal-banda u ngħidulhom sabiex jiddeċiedu huma bejniethom fuq dawn l-attivitajiet u jinfurmawna bid-deċiżjonijiet tagħhom, sabiex il-Kunsill ikun jista' joħroġ il-permessi għat-tali attivitajiet li jkunu ser jiġu organizzati. Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm qbil dwar din il-proposta, liema proposta għaddiet b'mod unanimu.

55.08.04 Korrispondenza mill-uffiċċju tas-Segretarjat tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex il-Kunsill Lokali iressaq talba lill-Ministeru sabiex jinstalla *CCTV* li tkun immaniġġjata mil-LESA sabiex ikun hemm infurzar dwar il-vetturi tqal li qed jgħaddu mill-ewwel parti ta' Triq Valletta u li qed jikkaġunaw ħsara fuq propjetà. Wara diskussjoni fuq is-suġġett, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ma jidħolx f'dan il-każ u ladarba dan l-ilment daħal għand il-Ministeru t-talba għandha ssir mill-Ministeru stess u mhux mill-Kunsill.

55.08.05 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-tħawwil ta' siġra kommemorattiva f'Ottubru 2023 fl-Imqabba fl-okkażjoni tat-30 Sena Anniversarju Kunsilli Lokali. Ġie deċiż li s-siġra titħawwel fil-Ġnien M'Ang Sapiano propju fejn għadha kemm inqalgħet siġra li kienet mejta.

55.08.06 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar korrispondenza mingħand l-Energy and Water Agency dwar PV Battery Project. Wara diskussjoni fuq is-suġġett, il-Kunsill qabel li għandna nipparteċipaw fil-proġett ladarba għandna l-pannelli nstallati fuq il-Binja Sptar il-Qadim.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

55.08.07 Korrispondenza mingħand resident rigward tneħħija ta' arblu tad-dawl minn Triq M'Ang Sapiano. Dan il-kaz imur lura għal 2005. Is-Sindku qalet illi rridu naraw sewwa għaliex ma' dan l-arblu hemm bozza u jekk dan se jitneħħa se jkun qed jonqos id-dawl. Fil-passat konna infurmati minn Inġinier mill-Korporazzjoni Enemalta, li l-arblu bil-bozza għandu jibqa' fil-post. Fuq dan il-parir kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill Lokali.

**55.09 Ilmenti u Suġġerimenti**

55.09.01 Il-Viċi Sindku ressaq ilment dwar lampa tat-triq fi Triq San Mikiel li ġiet skonnettjata mil-Korporazzjoni Enemalta wara li r-residenti irrappurtaw dirett mal-korporazzjoni. Is-S.E. spjegat li ser isir rapport mal-kuntrattur tal-Kunsill biex tissewwa l-ħsara fuq il-lampa, fejn imbgħad issir talba lill-Enemalta biex il-lampa terġa' tiġi mqabbda.

55.09.02 Il-Kunsillier Dingli ġibed l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' dawl tat-triq fi Sqaq Buħar. Is-Sindku spjegat li kienet diġà tkellmet mal-Ministru fuq dan il-każ u l-istess Ministru kienet infurmatha li ż-żona hija *ODZ* u għalhekk diffiċli biex jiddaħħal id-dawl. Madanakollu kien hemm qbil li jsir tentattiv ieħor meta ssir laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli.

55.09.03 Il-Kunsillier Sciberras semma li fuq talba ta' diversi residenti, fis-sajf qed jiġi propost kors tal-kompjuter b'xejn għall-istudenti li waslu fi tmiem is-6 sena tal-iskola primarja. Il-kors isir fil-librerija pubblika tal-Imqabba fejn importanti li l-istudenti iġibu l-*laptop* tagħhom magħhom. Ġie avviċinat is-Sur C.Zerafa li huwa *Senior Lecturer* fl-*IT* u dan offra li jagħti dan il-kors b'mod volontarju. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Se jkun qed jitħejja *poster* mill-Kunsillier Sciberras sabiex ikun jista' jitqassam u jittella' fuq il-*Facebook Page* tal-Kunsill.

55.09.04 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li t-tabella approvata minn TM li weħlet riċentement fi Triq il-Parroċċa u li tindika li ma jistax isir parkeġġ fi Sqaq Numru 3 fi Triq il-Parroċċa, għandha tiżdied biċċa magħha li tgħid *Except Strictly for Un/Loading*. Ġie deċiż li napplikaw għall-approvazzjoni ta' TM.

55.09.05 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li t-traffic island li hemm fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija inti u dieħel minn Triq Valletta fuq in-naħa tax-xellug, jiġi nstallat xi dawl mal-kurduna tagħha sabiex jitnaqqas il-periklu għax-xufiera. Ġie deċiż li niktbu lil TM dwar dan.

55.09.06 Il-Kunsillier Decelis semma s-sewqan eċċessiv li qed isir fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u jissuġġerixxi li tiġi nstallata *speed camera*. Is-Sindku flimkien mal-Kunsillieri qalu li din it-talba għaddejniha diversi drabi u qatt ma ġiet aċċettata. Kien hemm qbil li għandna nerġgħu nressqu t-talba lil TM f'dan ir-rigward.

**55.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti numru 08/55**

55.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/55 ġiet approvata unanimament.

55.10.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul April 2023 ġiet approvata unanimament.

**55.11 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

55.11.01 Il-laqgħa ntemmet fl-10:00 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 22 ta' Ġunju fil-5:30 pm.

Konfermati illum il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2023.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |